MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 60/1999/1

**Mario Brincat**

**vs**

**Keith Deguara**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:

Illi fis-16 ta’ Ottubru, 1998, ghal habta tal-12.45 a.m fil-Havana Club, 82, Triq San Gorg, Paceville, San Giljan, il-konvenut aggredixxa bi flixkun lill-attur u volontarjament ikkagunalu feriti ta’ natura gravi bir-rizultat li l-attur sofra

debilita’ permanenti f’sahtu kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi ghalkemm l-attur sejjah lill-konvenut sabiex ihallsu tad-danni kollha li huwa sofra, il-konvenut baqa’ inadempjenti;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni kollha li l-attur sofra rizultanti mill-incident li sehh fis-16 ta’ Ottubru 1998 ghal habta tas-12.45 am fil-Havana Club, 82, Triq San Gorg, Paceville, San Giljan, meta l-konvenut aggredixxa lill-attur bi flixkun u kkawzalu feriti gravi u debilita permanenti f’sahhtu;

2. tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur anke permezz ta’ periti nominati ghal dan l-iskop; u

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur id-danni kollha hekk likwidati;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta’ Ottubru, 1998 kontra l-konvenut, li gie ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :

Illi mhux veru illi l-konvenut aggredixxa lill-attur;

Illi l-konvenut b’ebda mod ma jahti ghall-incidenti li inqalghu fid-data u hin imsemmija fic-citazzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-affidavit tal-attur u affidavits ohra presentati mill-attur;

Semghet ix-xhieda prodotti mill-attur;

Semghet lill-konvenut u lix-xhieda minnu prodotti;

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Jannar 2004 li bih gie nominat bhaa espert mediku lit-tabib Mr. Charles Swain;

Rat ir-rapport tal-imsemmi espert mediku debitament konfermat bil-gurament fil-kors tas-seduta tal-20 ta' Jannar 2005;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur;

Rat in-nota responsiva tal-konvenut;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

L-attur jippremetti li, fis-16 ta' Ottubru, 1998, ghal habta tal-12.45 a.m fil-Havana Club gewwa Paceville, gie aggredit mill-konvenut bi flixkun. L-attur ikompli jippremetti li l-konvenut volontarjament ikkagunalu feriti ta' natura gravi bir-rizultat li huwa sofra debilita' permanenti f'sahtu. Inoltre l-konvenut naqas li jersaq ghal-likwidazzjoni ta' dawn id-danni sofferti mill-attur. Ghalhekk l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi dikjarat responsabbli ghall-imsemmija danni, li jigu likwidati dawn id-danni u li l-konvenut jigi kundannat ihallas lill-attur id-danni hekk likwidati;

Da parti tieghu l-konvenut qed jeccepixi li mhux veru illi huwa aggredixxa lill-attur u illi huwa b'ebda mod ma jahti ghall-incidenti li inqalghu fid-data u hin imsemmija fic-citazzjoni;

L-attur jghid li fil-gurnata u hin in kwestjoni huwa kien qieghed il-Havana gewwa Paceville ma shabu. Huwa kien qieghed dahru mal-hajt faccata tal-bar jitkellem ma' certu Alex Caruana. Magenbu madwar mejda ohra kien hemm tlieta minn nies. Hin minnhom Caruana qam u xi hadd minn madwar l-imsemija mejda l-ohra ghajjat lill-attur u qallu xi kliem pastaz. Dan il-xi hadd ukoll ittanta jaghti daqqa ta' ras lill-attur li intefa' lura. Dak il-hin il-konvenut mar hdejn l-attur u tah daqqa ta' flixkun;

Dan kollu gie konfermat minn diversi xhieda fosthom Alexander Brincat, Mark Fenech u David Borg. Ix-xhud l-Ispettur Pierre Micallef Grimaud ikkonferma li fl-istqarrija rilaxxata mill-konvenut dan tal-ahhar ammetta li kien laqat lill-attur bi flixkun u dana ghaliex xi hadd kien qed ihares lejh bl-ikrah. Il-konvenut stqarr ukoll li huwa mar biex jghin lill-shabu li kienu qieghdin jigu aggrediti minn xi nies li kienu qieghdin iharsu bl-ikrah lejhom;

Jirrizulta li f'din l-istess stqarrija l-konvenut qal li ra grupp ta' zghazagh iharsu lejh u lejn shabu bl-ikrah. Wiehed minn shabu gie mbuttat minn sidru. Dawk li kienu qed iharrsu lejn il-konvenut bl-ikrah bdew iwaddbu tazzi fid-direzzjoni tal-grupp tal-konvenut. Il-konvenut ra lil-attur li li kien ser jghamel ghal wiehed minn shabu u dak il-hin huwa, cioe' l-konvenut, kellu flixkun f'idejh u ta daqqa bil-flixkun fuq ras l-attur;

Il-konvenut xehed f'dawn il-proceduri u qal affarijiet differenti minn dawk li stqarr fl-imsemmija stqarrija. In effett huwa xehed li kien nduna li ma setax jigi protett aktar minn wiehed mill-bouncers li kien hemm u ghalhekk waddab il-flixxkun li kellu f'idejh kif gie gie. Huwa qal li ma mmirah lejn hadd il-flixkun u lanqas jaf li laqat lill xi hadd bl-istess flixkun li waddab;

Fil-verzjoni tal-konvenut li ta meta xehed f'dawn il-proceduri jirrizultaw certi inesattezzi u inkonsitenzi. Fl-istqarrija li ta' lill-pulizija l-konvenut jammetti li huwa ta daqqa ta' flixkun lill-attur u hemm diversi xhieda okulari li kkonfermaw dan il-fatt;

Tenut kont ta' dan kollu u tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz fl-opinjoni tal-Qorti l-konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli ghad-danni kollha li sofra l-attur kawza ta' l-incident in kwestjoni;

Kwantu ghall-likwidazzjoni tad-danni fil-kawza "Maria Debono vs Andrew Vaswani" deciza fit-3 ta' Ottubru 2003 il-Prim Awla tal-Qorti Civili sostniet li "d-dizabilita` timplika nuqqas ta' opportunitajiet ta' xoghol alternattiv u dan in-nuqqas ta' ghazla huwa ta' zvantagg u wisq probabbli jikkaguna nuqqas ta' opportunitajiet ta' qligh ahjar f'xoghol addattat ghal min ma ghandux dizabilita` fizika";

Inoltre - "Lezjonijiet konsistenti fi sfregju jgibu bhala rizultat u konsegwenza sens ta' biza u apprensjoni, motiv ta' misthija, telf ta' joie de vivre, li certament jincidu anke fuq l-aspettattivi tax-xoghol tal-persuna li ssofrihom. Naturalment, ukoll, apparti l-konsiderazzjoni mil-lat jew grad ta' inkapacita` ghax-xoghol wiehed irid iqis ukoll il-kumpless tal-konsegwenzi delatarji li d-difformita` thalli fuq il-persuna ta' l-attrici konsiderat il-gender taghha." Fil-kawza "Anthony Zerafa et nomine vs Joseph Sacco" deciza fl-1 ta' Ottubru 2003 il-Prim Awla tal-Qorti Civili iriteniet li "hsara kawzata f'wicc persuna ma hijiex kwistjoni ta' hsara morali izda certament wahda ta' dannu u pregudizzju fiziku f'wicc l-istess persuna li certament thalli l-konsegwenzi taghha kemm fizici u kemm psikologici, u li wiehed jittratta tali dannu manifest u palez bhala kwistjoni merament ta' danni morali hija, sottomissjoni mill-iktar simplicita' li tinjora ghal kollox il-valur ta' l-estetika umana fejn certament li l-apparenza ghandha il-valur taghha rejali, u wkoll vitali li jvarja skond in-natura ta' xoghol jew attivita' li jkun intraprenda jew jista'

jintraprendi s-suggett in partikolari; dan apparti konsiderazzjonijiet ohra rilevanti dwar il-kwalita' ta' hajja ta' dak li jkun.”;

F’din il-kawza il-kwestjoni tirrigwarda dizabilita` permanenti minhabba sfregju u ghalhekk filwaqt li huwa veru li din it-tip ta' dizabilita` mhijiex ser twaqqaf lill-attur milli jahdem, pero` taghlaqlu l-opportunita` ghal diversi possibbiltajiet ta' xoghol u ghalhekk ma jistax ma jigix ikkunsidrat l-aspett ta' lucrum cessans minn naha tal-attur;

Mhux ghal kollox korrett li dawn il-feriti jigu ekwiparati ma "pain and suffering", li hu kuncett pjuttost astratt u ntangibbli. Il-feriti u c-cikatrici huma ghal kuntrarju hsara rejali u tangibbli li, fit-teorija, l-konvenut huwa tenut li jirrimedja ghaliha. L-attur ghandu jigi kkumpensat entro limiti ragonevoli ghall-hsara li garrab. Dan ukoll ghaliex sfregju simili jista' jkollu l-import ekonomiku attwali, ghax mhux biss jillimita certa attivita' redditizja, imma jista' jirrendi persuna inaccettabbli kemm oggettivament u kif ukoll soggettivament, sal-punt li b'xi mod jista' jinfluwenza negattivament fuq l-attivita' ekonomika potenzjali li ta' spiss hi generata f'inkontri ta' svog u divertiment;

Kwantu ghad-damnum emergens ma gewx ipprezentati ircevuti u ghaldaqstant ma tistax issir il-likwidazzjoni relattiva. Ghar-rigward tal-lucrum cessans, l-espert mediku nominat stabilixxa li d-disabilita’ permanenti li sofra l-attur bhala konsegwena ta’ dan l-incident tammonta ghal tnejn fil-mija (2%). Jigi osservsat li ghalkemm il-ferita li sofra l-attur ma halliet ebda disabilita funzjonali, xorta wahda hemm lok illi taghlaq l-opportunita li l-attur ghal possibilitajiet ta’ xoghol. In efftt jirrizulta li l-attur hu imdejjaq bic-cikkatrici fuq wiccu u illi l-ewwel cikkatrici tidher sew;

Fic-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz u skond ir-risultanzi l-ammont ta' erbat elef liri maltin ghandu jittiehed bhala d-dhul baziku tal-attur. L-attur kellu 23 sena meta sehh l-incident in kwestjoni. Ghalhekk l-imsemmi dhul ghandu jigi moltiplikat bi 38 sena u cioe kemm fic-cirkostanzi tallum hi l-aspettattiva tal-hajja. F'dan ir-rigward hu probabli li wiehed jghix sal-eta' tal-pensjoni cioe' 61 sena. Dan kollu jrid jigi moltiplikat bi 2%, cioe'.d-disabilita permanenti. Mit-total ghandu jitnaqqas l-10% peress li l-hlas ghandu jsir f'pagament wiehed. In vista ta' dan kollu qed tigi likwidata s-somma ta' elfejn seba mija u sitta u tletin liri maltin (Lm2736) u cioe' Lm4000 x 38 = 152000 x 2% = 3040 – 10% =Lm2736;

Ghal dwn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet kollha tal-attur u tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni kollha li l-attur sofra rizultanti mill-incident li sehh fis-16 ta' Ottubru 1998 ghal habta tas-12.45 am fil-Havana Club, 82, Triq San Gorg, Paceville, San Giljan, meta l-konvenut aggredixxa lill-attur bi flixkun u kkawzalu feriti gravi u debilita permanenti f'sahhtu; tillikwida dawn id-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' elfejn seba mija u sitta u tletin liri maltin (Lm2736) u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur l-imsemmija somma ta' Lm2736 in linea ta' danni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------